# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni Numru 613/14 AE**

**Calcedonia Pace**

**v.**

**Patrick Pace**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-attrici pprezentat fid-9 ta' Lulju, 2014, u li jaqra hekk:

> "1. Illi fis-26 ta' Marzu 2011, miet ir-raġel tar-rikorrenti Carmelo Pace, detentur tal-karta tal-identità numerata 1327M, li permezz tat-testment unica charta ppubblikat fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono fis-6 ta' Frar 2007, ħalla lis-sitt (6) uliedu Carmen Camilleri, Joseph Pace, Anthony Pace, Isabella Briffa, Mary Borg u l-intimat Patrick Pace werrieta universali tal-patrimonju tiegħu, filwaqt li ħalla lil martu b'titolu ta' legat in piena proprietà il-fond numru disgħa u tletin (39), Triq il-Plejju, Birkirkara, il-flejjes kontenuti f'kontijiet intestati lilu f'banek, kif ukoll kwalunkwe flejjes li jistgħu jkunu jappartjenu lilu, kif ukoll kull investimenti oħra li għandu jew jista' jkollu, kif ukoll ħalla b'titolu ta' legat in piena proprietà lil martu n-nofs indiviż tal-garaxx

numru ħamsa u tletin (35), Triq il-Plejju, Birkirkara, flimkien mal-użu u l-użufrutt fuq il-ġid tiegħu kollu rimanenti wara li jinqatgħu il-legati l-oħra. Kopja vera taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Carmelo Pace (Dok CP1) kif ukoll tat-testment tal-mejjet Carmelo Pace (Dok CP2) huma annessi flimkien ma' dan ir-rikors ġuramentat.

"2. Illi r-rikorrenti wara l-mewt ta' żewġha Carmelo baqgħet tgħix fil-fond numru 39, Triq il-Plejju, Birkirkara, filwaqt li binha l-intimat Patrick Pace kien ilu sa minn qabel il-mewt ta' żewġha jiġi jgħix magħhom fid-dar matrimonjali, stante li kien iġġieled u ssepara minn ma' martu u ma kienx jaħdem. Meta miet ir-raġel tar-rikorrenti Carmelo Pace, ir-rikorrenti kienet tgħix waħedha iżda wara ftit żmien, l-intimat mar lura jgħix fid-dar magħha. Wara l-mewt ta' żewġha, ir-rikorrenti għamlet xi żmien tgħix ma' bintha Mary u fil-frattemp, l-intimat beda jagħmel xi xogħolijiet strutturali fid-dar matrimonjali tal-ġenituri tiegħu bi preparazzjoni għal xi negozju li ried jiftaħ, liema xogħolijiet kienu bdew fil-garaxx u komplew ukoll fid-dar, tant li r-rikorrenti ma setgħetx tmur tgħix lura fid-dar.

"3. Illi permezz tal-kuntratt ippubblikat fit-2 ta' Settembru 2011 fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono, ir-rikorrenti flimkien ma' uliedha Mary Borg, Patrick Pace u Joseph Pace aċċettaw id-dispożizzjonijiet tal-mejjet Carmelo Pace fl-aħħar testment tiegħu tas-6 ta' Frar 2007. Kopja ta' dan il-kuntratt qiegħda tiġi annessa ma' dan ir-rikors ġuramentat u mmarkata Dok CP3.

"4. Illi permezz tal-kuntratt ippubblikat fis-16 ta' Diċembru 2011 fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono, ir-rikorrenti tat b'titolu ta' donazzjoni lil binha l-intimat in-nofs indiviż appartenenti lilha tal-fond numerat 39, Triq il-Plejju, Birkirkara, kif ukoll ikkostitwiet ipoteka ġenerali a favur l-intimat fuq il-beni tagħha kollha. Kopja ta' dan il-kuntratt qiegħda tiġi annessa ma' dan ir-rikors ġuramentat u mmarkata Dok CP4.

"5. Illi l-kunsens tar-rikorrenti fid-donazzjoni suriferita kien vizzjat għaliex effett minn vjolenza u pressjoni morali u koerzjoni adoperata mill-intimat Patrick Pace, li permezz ta' għajjat, theddid u pressjoni permezz ta' kliem u tixwix kontra ħutu Carmen, Isabel u Anthony, ġiegħel lir-rikorrenti kontra l-volontà vera tagħha tagħti permezz ta' donazzjoni sehma indiviż mid-dar matrimonjali numerata 39 ġewwa Triq il-Plejju, Birkirkara.

"6. Illi permezz tal-kuntratt ippubblikat fis-16 ta' Diċembru 2011 fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono, ir-rikorrenti tat ukoll b'titolu ta' donazzjoni lil binha l-intimat il-garaxx numerat 35, Triq il-Plejju, Birkirkara. Kopja ta' dan il-kuntratt qiegħda tiġi annessa ma' dan ir-rikors ġuramentat u mmarkata Dok CP5.

"7. Illi l-kunsens tar-rikorrenti fid-donazzjoni suriferita kien ukoll vizzjat għaliex effett minn vjolenza u pressjoni morali u koerzjoni

adoperata mill-intimat Patrick Pace, li permezz ta' għajjat, theddid u pressjoni permezz ta' kliem u tixwix kontra ħutu Carmen, Isabel u Anthony, ġiegħel lir-rikorrenti kontra l-volontà vera tagħha tagħti permezz ta' donazzjoni l-garaxx numerat 35 ġewwa Triq il-Plejju, Birkirkara.

"8. Illi permezz tal-kuntratt ippubblikat fid-9 ta' Jannar 2012 fl-atti tan-Nutar Rueben Debono, ir-rikorrenti kkostitwiet ruħha debitriċi tal-intimat binha Patrick Pace fl-ammont ta' ħamsa u sittin elf ewro (€65,000) u kkostitwiet ipoteka ġenerali a favur l-intimat fuq il-beni tagħha kollha. L-ammont allegatament dovut kellu jitħallas sa d-9 ta' Jannar 2013, bl-interessi jibdew jiddekorru bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) minn dik id-data. Kopja ta' dan il-kuntratt qiegħda tiġi annessa ma' dan ir-rikors ġuramentat u mmarkata Dok CP6.

"9. Illi l-kunsens tar-rikorrenti fil-kostituzzjoni ta' debitu suriferita kien ukoll vizzjat għaliex effett minn vjolenza u pressjoni morali u koerzjoni adoperata mill-intimat Patrick Pace, u dan għaliex dan tal-aħħar qatt ma sellef dan l-ammont lir-rikorrenti, ġiegħel lir-rikorrenti kontra l-volontà vera tagħha tikkostitwixxi ruħha debitriċi ta' somma ta' flus li hija qatt ma kienet tatu, kif ukoll tikkostitwixxi favurih ipoteka ġenerali fuq il-beni kollha tagħha.

"10. Illi fil-21 ta' Marzu 2012, ir-rikorrenti għamlet prokura ġenerali favur l-intimat Patrick Pace, liema att ġie ffirmat fil-preżenza tal-Avukat Mark Vassallo bħala xhud ġewwa r-residenza ta' bint ir-rikorrenti Mary Borg 12, 'Doux chez Noux', Triq is-Sommier, Ta' Paris, Birkirkara. Kopja ta' din il-prokura ġenerali qiegħda tiġi annessa ma' dan ir-rikors ġuramentat u mmarkata Dok CP7.

"11. Illi r-rikorrenti ġjà kkanċellat din il-prokura mal-banek prinċipali iżda jonqos li tiġi kkanċellata b'mod ġenerali.

"12. Illi wkoll fil-21 ta' Marzu 2012, ulied ir-rikorrenti ġew imsejħa sabiex jattendu fl-Inheritance Unit tal-HSBC Bank Malta plc fejn ġiet imressqa proposta lilhom sabiex jitqassmu l-kontenuti tal-konteġġi miżmuma bejn il-ġenituri tagħhom u r-rikavat jinqasam bejnhom l-aħwa u ommhom ir-rikorrenti fi kwoti mhux indaqs. Ir-rikavat minn dan it-tqassim kellu jasal għand il-benefiċarji permezz ta' ċekk bil-posta, iżda fir-rigward taċ-ċekk spettanti lir-rikorrenti fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, tliet mija u tnejn u tmenin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€21,382.69), dan ġie miżmum mill-intimat, li kellu jeffetwa xi xogħolijiet fid-dar ġewwa Birkirkara permezz ta' dawn il-flus, biss rendikont u/jew bilanċ lir-rikorrenti, l-intimat qatt ma ta. Kopja tad-dokument iffirmat minn ulied ir-rikorrenti dwar il-qsim tal-flus qiegħed jiġi anness mar-rikors odjern u mmarkat Dok CP8.

"13. Illi fl-istess żmien, ir-rikorrenti kienet għamlet arranġamenti sabiex tixtri qabar ġewwa l-Qrendi sabiex tittrasferixxi lil żewġha ġewwa dan il-qabar u wara li kienet ħallset l-ammont ta' ħamest elef u

ħames mitt ewro (€5500.00) għal dan il-qabar, fil-11 ta' April 2012 marret għand in-Nutar Joseph Lia sabiex tiffirma l-kuntratt relattiv. Waqt li kienet qiegħda quddiem in-Nutar, l-intimat Patrick Pace ikkomunika man-Nutar u sussegwentement, ir-rikorrenti ffirmat il-kuntratt ta' akkwist, liema kuntratt illum jirriżulta li sar a favur l-intimat filwaqt li r-rikorrenti dehret biss in rappreżentanza tal-intimat, minkejja l-fatt li ħallset għalih hi u riditu sabiex tittrasferixxi lil żewġha. Kopja tal-kuntratt relattiv qiegħda tiġi annessa mar-rikors odjern u mmarkata Dok CP9.

"14. Illi l-kunsens tar-rikorrenti fil-kuntratt suriferit kien ukoll vizzjat għaliex afflitt minn żball fattwali riżultanti minn diskussjonijiet bejn l-intimat u n-Nutar li hija ma kinetx parteċipi fihom li wasslu sabiex hija, li ma tafx taqra u tikteb, iffirmat il-kuntratt ta' xiri qua rappreżentanta tal-intimat u mhux f'isimha stess.

"15. Illi r-rikorrenti kienet tat lill-intimat sabiex iżommhom għaliha flus kontanti appartenenti lilha fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500.00), liema flus kienu fil-pussess tagħha u ma riditx li tibqa' żżommhom. Sa llum, minkejja l-fatt li r-rikorrenti talbet lill-intimat iroddilha din is-somma lura, dawn il-flus għadhom fil-pussess tal-intimat.

"16. Illi fl-aħħar ta' Marzu 2014, l-intimat biddel is-serratura tal-fond numru 39, Triq il-Plejju, Birkirkara fejn kienet tirrisjedi r-rikorrenti bir-riżultat li r-rikorrenti ma setgħetx taċċedi aktar għar-residenza ordinarja tagħha. Minkejja li r-rikorrenti, li sa llum għadha tirrisjedi ftit jiem ma' uliedha Isabel, Carmen y Joe rispettivament, għamlet kwerela tal-akkadut mal-iSpettur tal-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara u l-intimat wiegħed li jgħaddi kopja tramite l-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara, biss il-kopja li ngħatat ma kinetx il-korretta, u ġew ukoll istitwiti proċeduri kriminali fil-konfront tal-intimat, hija għadha ma ngħatatx kopja taċ-ċavetta tas-serratura l-ġdida. Kopja tal-kwerela magħmula mir-rikorrenti qiegħda tiġi annessa mar-rikors odjern u mmarkata Dok CP10.

"Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kunsens tar-rikorrenti fil-kuntratti ta' donazzjoni ppubblikati fis-16 ta' Diċembru 2011 fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono permezz ta' liema ttrasferiet in-nofs indiviż tal-fond numerat 39 u l-garaxx numerat 35 ġewwa Triq il-Plejju, Birkirkara, kien vizzjat għaliex effett minn vjolenza u pressjoni morali u koerzjoni adoperata mill-intimat permezz ta' għajjat, theddid u pressjoni permezz ta' kliem u tixwix mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti.

"2. Konsegwentement tannulla u tirrexxindi l-imsemmi kuntratti ta' donazzjoni ppubblikati fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono fis-16

ta' Diċembru 2011 u tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-kuntratti ta' rexissjoni, kif ukoll tinnomina kuratur għall-eventwali kontumaċja tal-intimat fuq il-kuntratti.

"3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kunsens tar-rikorrenti fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ippubblikat fid-9 ta' Jannar 2012 fl-atti tan-Nutar Rueben Debono, kien ukoll vizzjat għaliex effett minn vjolenza u pressjoni morali u koerzjoni adoperata mill-intimat permezz ta' għajjat, theddid u pressjoni permezz ta' kliem u tixwix mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti.

"4. Konsegwentement tannulla u tirrexxindi l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat fl-atti tan-Nutar Reuben Debono fid-9 ta' Jannar 2012 u tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt ta' rexissjoni, kif ukoll tinnomina kuratur għall-eventwali kontumaċja tal-intimat fuq il-kuntratt.

"5. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kunsens tar-rikorrenti fil-prokura ġenerali istitwita favur l-intimat mir-rikorrenti fil-21 ta' Marzu 2012 kien vizzjat għaliex effett minn vjolenza u pressjoni morali u koerzjoni adoperata mill-intimat permezz ta' għajjat, theddid u pressjoni permezz ta' kliem u tixwix mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti.

"6. Konsegwentement tannulla u tirrexxindi l-imsemmija prokura ġenerali u tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt ta' rexissjoni, kif ukoll tinnomina kuratur għall-eventwali kontumaċja tal-intimat fuq il-kuntratt.

"7. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat għandu jagħti rendikont u l-bilanċ rimanenti, jekk ikun il-każ, lir-rikorrenti tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf, tliet mija u tnejn u tmenin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€21,382.69) spettanti lir-rikorrenti bħala sehemha mit-tqassim tal-flus derivanti mill-konteġġi bankarji formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Pace.

"8. Konsegwentement tordna lill-intimat jagħti rendikont u jirritorna u jirristitwixxi l-bilanċ rimanenti mis-somma ta' €21,382.69, jekk ikun il-każ, lir-rikorrenti.

"9. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kunsens tar-rikorrenti fil-kuntratt ta' akkwist tal-11 ta' April 2012 tal-qabar ġewwa l-Qrendi kien vizzjat għaliex effett minn żball fattwali li wassal sabiex ir-rikorrenti ffirmat il-kuntratt ta' xiri qua rappreżentanta tal-intimat u mhux f'isimha stess.

"10. Konsegwentement tannulla u tirrexxindi l-imsemmi kuntratt ta' akkwist tal-11 ta' April 2012 u tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt ta' rexissjoni u l-eventwali att ta' trasferiment a favur ir-rikorrenti, kif ukoll tinnomina kuratur għall-eventwali kontumaċja tal-intimat fuq il-kuntratt.

"11. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500.00) proprjetà tar-rikorrenti li hija fdat f'idejn l-intimat, liema somma qatt ma ġiet ritornata lilha, ġiet miżmuma mill-intimat illegalment u abbużivament u mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti.

"12. Konsegwentement tordna lill-intimat jirritorna u jirristitwixxi s-somma ta' €2500.00 lir-rikorrenti.

"13. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat biddel is-serratura tad-dar matrimonjali, il-fond numru 39, Triq il-Plejju, Birkirkara, illegalment u abbużivament u mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti.

"14. Konsegwentement, tordna lill-intimat jagħti aċċess lir-rikorrenti għall-fond numru 39, Triq il-Plejju, Birkirkara permezz ta' kopja taċ-ċavetta u fin-nuqqas, tawtorizzaha sabiex tagħmel dawk ix-xogħolijiet neċessarji sabiex tottjeni dan l-aċċess, okkorrendo taħt is-sorveljanza ta' perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti għal dan l-iskop.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, inkluzi dawk tal-proceduri odjerni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi preliminarjament, jidher illi l-attrici qed tipproponi istanza wahda li tkopri seba' (7) negozji guridici differenti bejniethom. Dan ipoggi lill-konvenut f'posizzjoni ta' pregudizzju fil-linja difensjonali tieghu u ghandu jwassal ghan-nullita tal-att promutur ai termini tal-Artikolu 789(c) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

"2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal dak sovra eccepit, l-attrici takkumula diversi negozji guridici li ma jistgghux joqoghdu f'kawza wahda, per ezempju, talba li tixbah l-*actio spoll* (Talbiet 13 u 14), flimkien ma' talba ghal rexxisjoni ta' kuntratti (Talbiet 1,2,3,4,5,6,9 I 10), talba ghal ritorn ta' flus (Talbiet 11 u 12) u talba ghall-ghoti ta' rendikont (Talbiet 7 u 8) u ghaldaqstant l-attrici ghandha tindika l-bazi tal-azzjoni taghha;

"3. Illi fil-mertu, il-fatti dikjarati u hawnhekk allegati huma kontestati u l-prova ta' dak allegat ghandha tingieb mill-attrici u minhabba n-natura serja tal-istess allegazzjonijiet il-prova relattiva ghandha tilhaq il-grad rikjest mil-Ligi;

"4. Illi fi kwalsiasi kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

"5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz."

Rat li l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat is-sentenza relattiva li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru, 2014, li in forza taghha cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez a karigu tal-istess konvenut;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fir-rikors guramentat l-attrici talbet:-
>
> i. Ir-rexxissjoni ta' kuntratti ta' donazzjoni tas-16 ta' Dicembru 2011, kostituzzjoni ta' debitu tad-9 ta' Jannar 2012 u kuntratt ta' bejgh tal-11 ta' April 2012;
> ii. Tattakka prokura datata 21 ta' Marzu 2012 li tat lill-konvenut;
> iii. Rendikont ta' x'sar mis-somma ta' €21,382.69 li l-attrici tghid li tat lill-konvenut u sabiex tithallas il-bilanc;
> iv. Li l-konvenut jigi kkundannat jirritorna s-somma ta' €2,500 li l-attrici tallega li ddepozitat mieghu;
> v. Li l-konvenut jigi kkundannat jatiha access ghal gewwa l-fond numru 39, Triq il-Plejju, Birkirkara.
>
> "Hu minnu li t-talbiet jolqtu diversi materji. L-attrici hi omm il-konvenut. Hu evidenti li l-attrici gabret f'kawza wahda kwistjonijiet differenti li ghandha ma' binha. F'dan ma ghamlet xejn hazin. Kieku l-attrici pproponiet kawza separata fir-rigward ta' kull ilment kien ser ifisser hafna kawza, li jfissru spejjez bla bzonn. Il-konvenut jilmenta li 'l fatt li fil-kawza hemm diversi kwistjonijiet hu ta' pregudizzju ghalih. Fin-nota ta' sottomissjonijiet qal:
>
> > "Illi l-kawza hekk kif proposta mill-attrici sejra tohloq diffikulta' mhux traskurabbli dwar liema provi sejrin jingabru – jekk hux dawk li jirradikaw it-talbiet dwar ir-rexxissjoni tal-kuntratti, prokura, donazzjoni jew dwar spoll jew rendikont".
>
> "Il-qorti ma tarax fejn qieghed dan il-pregudizzju. Kull parti ser ikollha l-opportunita' li tressaq il-provi taghha dwar **kull ilment**. M'hemmx xejn fil-ligi tal-procedura li jipprekludi attur milli f'azzjoni wahda jinkludi ilmenti dwar negozji guridici differenti. Il-qorti lanqas ma tara li hemm xi kunflitt bejn it-talbiet in kwantu hu evidenti li ma sarux b'mod alternattiv.

> Ir-riferenza li ghamel l-attur ghas-sentenza **Frendo vs Salomone** (Qorti tal-Appell, 24 ta' April 1998) m'hijiex flokha ghaliex dak il-kaz kien jitratta kawzali alternattivi u fejn *"…. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma' ohra bhallikieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed, meta dan mhux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti l-wahda mill-ohra".*"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … … takkolji dan l-appell billi tghaddi biex thassar, tannulla u tirrevoka d-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Novembru, 2014 fl-ismijiet hawn fuq premessi u, filwaqt li tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-imharrek, hawn appellanti, tghaddi biex tichad it-talbiet kollha tal-attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici appellata."

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti tichad l-appell odjern, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu il-konvenut eccepixxa n-nullita` tar-rikors promotur ghax, skont hu, jikkontjeni diversi negozji guridici li ma jippermettux joqghodu fl-istess kawza. L-ewwel Qorti cahdet dawn l-eccezzjonijiet relattivi, izda l-konvenut appella u jsostni li l-kawza kif

proposta "*sejra tohloq diffikulta` mhux traskurabbli dwar liema provi sejrin jingabru*".

Din il-Qorti assolutament ma taqbilx mal-argumenti tal-konvenut. Ma hemm xejn fil-ligi li zzomm lil xi attur milli jressaq, kontra l-istess konvenut, diversi talbiet marbuta ma' diversi kwistjonijiet li ghandhom bejniethom. Dak li l-ligi tipprojbixxi huwa kontradittorjeta` fil-kawzali u/jew talbiet, u mhux il-multiplicita` tal-istess. F'kaz ta' multiplicita` ta' talbiet dipendenti fuq diversi negozji guridici bejn l-istess partijiet, l-attur ikun irid igib il-provi relattivi ghal kull negozju, pero`, dan il-fatt ma jaghmilx l-azzjoni anqas cara. Il-ligi, fl-Artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, telenka l-kazijiet fejn att gudizzjarju jista' jitqies null, u l-multiplicita` ta' talbiet ma hijiex wahda minnhom.

F'din il-kawza jirrizulta car x'inhi l-azzjoni, jew x'inhuma l-azzjonijiet, verament intentati, tant li l-ewwel Qorti elenkat f'hames sentenzi dak li qed jintalab f'din il-kawza. Hawn mhux kaz fejn l-attur ressaq azzjoni li tkun tirrekjedi provi u/jew difiza konfliggenti – kif kien il-kaz meritu tas-sentenza li tat din il-Qorti fil-kawza **Barbara v. Meli Bugeja noe**, deciza fil-11 ta' Dicembru, 1967, fejn l-attur ressaq "*konfuzament u flimkien b'domanda wahda*" l-azzjoni ta' manutenzjoni u dik ta' reintegrazzjoni – izda diversi talbiet li jistghu joqghodu wahedhom, b'ebda wahda ma tikkontradixxi lill-ohra. Il-fatt li l-kawza, forsi, sejra timxi fuq aktar minn

binarju wiehed, ma jgibx li l-istess huma "*imprecizi*". Il-ligi ma tipprojbixxix li jsiru diversi azzjonijiet f'kawza wahda, dment li ma jkunx hemm inkongruwenzi bejn wahda u ohra.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Borg v. Vincenti** deciza fl-14 ta' Novembru, 1949:

> "… … … *ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jigu, ghall-finijiet tal-oggett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, ezaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok ghall-gudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistghux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wiehed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'gudizzju, ma hemm xejn fil-ligi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeducihom jekk jittendi li huma ntizi ghall-otteniment tal-oggett propost, salv li l-istess ma humiex inkonciljabbli. Dina r-redazzjoni tal-att tac-citazzjoni ma tirrendix dak l-istess att ghall-kawzalijiet tieghu mhux car, izda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qieghed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda pregudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-agir guridiku, il-ghaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attrici ghad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawza.*"

Il-fatt ta' multiplicita` ta' provi, ma hu se jtellef xejn mid-dritt tal-konvenut li jwiegeb ghall-istess, billi hu wkoll iressaq provi, multiplikati wkoll skont il-kaz, biex jirribadixxi dak li jipprova juri l-attur. Kwindi, ma hu se jsofri ebda pregudizzji fil-kaz.

Il-legislazzjoni u l-gurisprudenza lokali ilhom progressivament jirrifuggu mill-formalizmu eccessiv, fonti ta' litigji zejda u prokrastinazzjonijiet inutili, sakemm ovvjament ma tirrizultax l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi.

F'dan il-kaz, tara l-insistenza tal-konvenut pjuttost fiergha u sejra tirrifletti dan fil-capo spese.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez relattivi jithallsu mill-konvenut Patrick Pace appellant, u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellant sabiex, ai termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ihallas ukoll, bhala spejjez addizzjonali, is-somma ta' tliet mitt euro (€300) lir-Registratur tal-Qrati.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df